# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 25**

**Rikors numru 897/09SM**

**Isabelle Micallef, Rose M. Borg Cardona, Antoinette Mifsud, Lucienne Azzopardi**

**v.**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, Dr Victor Ragonesi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Isabelle Micallef, Rose M. Borg Cardona, Antoinette Mifsud u Lucienne Azzopardi tas-17 ta' Settembru, 2009, li permezz tieghu nghad:

> "Illi preliminarjament l-esponenti jissottomettu li l-pretensjoni ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149 u 2150 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi ma hu dovut l-ebda ammont mill-esponenti lil-intimat Dr Victor Ragonesi;

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ihossuhom aggravati bil-mod illi l-intimat ir-Registratur tal-Qorti ntaxxa (Dok A) l-prestazzjoni ta' servizzi professjonali ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi rigwardanti Edward u Judith konjugi Cilia;

"Illi l-intimat Dr Victor Ragonesi kien qal lill-esponenti li huwa ma kien dovut l-ebda hlas ghas-servizzi tieghu, u l-esponenti lesti jikkonfermaw dan bil-gurament;

"Illi l-intimat Dr Victor Ragonesi kien gie moghti pagament jew pagamenti, ukoll taht diversi forom ghas-servizzi pprestati minnu, u l-esponenti lesti jikkonfermaw dan bil-gurament;

"Illi l-operat ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi kien ukoll zbaljat ghal mod ta' kif kien iddepozita flus fil-bank minghajr reditta, u ghalhekk din l-imperizja rekat dannu lill-esponenti;

"Illi l-intimat Dr Victor Ragonesi kien sahansitra agira favur tieghu fidi ta' cens minghajr il-kunsens ta' l-esponenti;

"Illi x-xoghol ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi rigwardanti l-bejgh tal-hanut u dar go South Street, Valletta sar kontra l-interessi ta' l-esponenti;

"Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tiddeciedi li l-azzjoni ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi hija wahda preskritta skond il-ligi u konsegwentement nulla;

"2. Fl-eventwalita` li l-azzjoni ta' l-intimat Dr Victor Ragonesi hija wahda valida, u li hu dovut pagament ghas-servizzi rezi minnu, tordna li ssir ir-ritassa tad-drittijiet mir-Registratur, occorrendo bil-hatra ta' perit nominand, jew tidderigi r-Registratur ghall-ammont gust u korrett fid-dawl tal-premessi hawn fuq imsemmija.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat."

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi tat-13 ta' Ottubru, 2009, li permezz taghha eccepixxa:

"1. Din hija kawza hekk imsejha ta' ritassa. Ifisser li r-rikorrenti qeghdin jirrikonoxxu u jammettu li ghandhom jaghtu ammontlill-intimat ghas-servizzi professjonali tieghu <u>pero`</u> mahumiex jaqblu

mal-*quantum*. Ghalhekk preliminarjament qieghed jigi sottomess illi l-uniku oggett li jista' jintalab huwa li jigi rivedut l-ammont intaxxat mill-intimat Registratur tal-Qorti favur l-intimat odjern ghas-servizzi professjonali tieghu.

"2. Kwindi r-rikorrenti ma humiex legalment korretti meta qed jitolbu dikjarazzjoni li l-ammmont dovut huwa preskritt. Din it-talba ma tistax issir legalment. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata *per via di azione*, izda *per via di eccezzione*. Ghalhekk ukoll l-ewwel talba ma hijiex legalment sostenibbli.

"3. *Di piu`*, u minghajr pregudizzju ghal premess,u kif sejjer jirrizulta anke waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ammettew ma' ulied l-intimat Dr Victor Ragonesi li huma ghandhom jaghtu dawn il-flejjes lilu pero` huma kienu ser jikkonsultaw ma avukat qabel.

"4. Illi t-taxxa mahduma hija korretta u bbazata fuq servizzi prestati mill-intimat Dr Ragonesi lill-awturi tal-kontendenti tul il-perjodu 1994 – 2001. Tul dawn is-snin kollha l-esponenti ha hsieb jaghmel diversi affarijiet ghal konjugi Cilia u uliedhom, fosthom amministrazzjoni ta' flejjes u dan kif jista' jirrizulta minn qari akkurat tar-rendikont maghmul mill-intimat Dr Ragonesi, liema rendikont qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala dok. VG 1. L-esponenti franka eluf kbar ta' liri lir-rikorrenti, u ghamel minn kollox sabiex dawn il-flus ma jisfaxxawx fix-xejn. Dan ukoll jista' jigi ppruvat fil-kors ta' dan ir-rikors. Din l-azzjoni pero` turi l-gratitudni mir-rikorrenti lejn ix-xoghol u hiela siewja lil-esponenti ippresta.

"5. Ghalhekk qieghed jigi sottomess, illi l-ewwel prova li jridu jressqu r-rikorrenti hija li huma ghandhom jindikaw kemm ghandha tkun is-somma dovuta minnhom, galadarba qeghdin jghiduli l-ammont mahdum mir-Registratur huwa erroneju.

"6. Illi ghar-rigward tal-korp tar-rikors, hemm diversi allegazzjonijiet fiergha u li huma vagi wisq sabiex wiehed jirrispondi ghalihom f'dan l-istadju. Jinghad biss u minghajr pregudizzju ghal dak li ghadu kif appena ntqal illi:

"(a) Mhux minnu li l-esponenti qal lir-rikorrenti li huwa ma riedx jithallas tas-servizzi minu rezi lill-konjugi Cilia. Kieku dan kien minnu, ma kienx jitlob li tinhareg din it-taxxa (Dok. VG 1) mir-Registratur;

"(b) Ghar-rigward ta' l-allegati pagamenti, jekk dawn saru, r-rikorrenti ghandhom jindikaw meta u kemm kien l-ammont. Fi kwalunkwe kaz, zgur li l-procedura adoperata mhux idoneja sabiex jigi kkunsidrat dan il-punt.

“(c) Mhux minnu li l-intimat Dr Ragonesi rreka xi dannu lir-rikorrenti u l-allegazzjoni ta’ l-imerizja hija michuda. Anzi pjuttost bil-maqlub. L-esponenti sejjer juri kif huwa ddepozita l-flejjes appartenti lil konjugi Cilia b’tali mod, li minflok dawn spiccaw fix-xejn, dawn zdiedu. Ta’ dan ser jittressqu l-provi. Apparti dan, kull depozitu ta’ flus kienu jitpoggew go kont bankarju f’isem l-intimat gol-Bank of Valletta u kull meta kien isir xi kuntratt ta’ bejgh ta’ proprjeta`, kien isir rikors lill-Onorabbli Sekond’Awla tal-Qorti Civili fejn kien jinghata rendikont tal-flejjes kollha li kienu jidhlu, u wara li kienet tigi ottenuta l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti, kienu jithallsu l-kontijiet li kien ikun hemm pendent dak iz-zmien, bhal per ezempju l-kont tal-*home* ta’ fejn kienu qed jirrisjedu l-konjugi Cilia, l-kontijiet tad-dawl u ta’ l-ilma, l-kontijiet tat-tobba, hlas tad-djun li kien hemm mal-bank, *etc*.;

“(d) Illi l-allegazzjoni lil-intimat iggira xi flejjes favur tieghu hija inveritiera ghall-ahhar. Mill-provi li sejrin jitressqu, ghandu jirrizulta mod iehor.

“(e) Illi ghar-rigward ta’ l-allegazzjoni li l-bejgh tal-hanut u d-dar go South Street, Valletta, sar kontra l-interessi ta’ l-esponenti hija inveritiera wkoll. Dan il-kuntratt gie ffirmat minn Edward Cilia, missier l-awturi. Kif jistghu allura r-rikorrenti jaddebitaw xi ghemil hazin fuq l-intimat? Dan kollu juri x’tip ta’ nies huma r-rikorrenti u li wara li hadu flejjes ingenti minghand il-genituri taghhom, u wara li l-esponenti ha hsieb li dawn il-flejjes jigu depozitati b’tali mod u manjiera li jkun ta’ gid ghar-rikorrenti kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, issa qed jippruvaw jirrisortu ghal din l-azzjoni kontrih.

“7. B’riserva ghal risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.”

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati u Tribunali Civili tat-28 ta’ Ottubru, 2009, li permezz taghha nghad:

“Illi huwa intaxxa d-drittijiet, meritu tat-taxxa li qed tigi kkontestata quddiem dina l-Qorti, a tenur tal-artikolu 556 u 557 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana fuq talba tal-avukat kkncernat Dr Victor Ragonesi u ghalhekk, f’kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tiddikjara l-azzjoni mehuda minn Dr Victor Ragonesi bhala preskritta u/jew tordna r-ritassa tal-istess taxxa kif mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawna l-proceduri, liema spejjez ghandhom jigu akollat unikament fuq il-pesuna li talab il-hrug tat-taxxa li qed tigi kkontestata.”

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li, filwaqt li laqghet ir-risposti tal-intimati, ddecidiet it-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li cahdet it-talba tar-rikorrenti rigward l-allegata preskrizzjoni minnhom sollevata fil-konfront tal-intimat Dr. Victor Ragonesi u rrespingiet it-tieni talba tar-rikorrenti rigward ir-ritassa minnhom mitluba u ma sabet xejn x'ticcensura fl-operat tar-Registratur intimat.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "11.0. Illi din il-kawza hi wahda biforkuta u hi konsistenti f'dawn is-segwenti zewg binarji:
>
> > "11.1 Illi r-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-azzjoni minnhom riferita tal-intimat Ragonesi hi preskritta *ai termini* tal-artikli minnhom citati fir-rikors promotur taghhom, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel;
> >
> > "11.2 Illi t-taxxa rilaxxata mill-intimat Registratur minnhom riferita ghandha terga' tigi intaxxata mill-gdid;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "12. Illi ghalhekk ghandha l-ewwel tigi indirizzata l-ewwel talba tar-rikorrenti;
>
> "13. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti hi preokkupata fis-sens li din hi talba irregolari u logikament monka, stante li tali vertenza tqum biss bhala risposta ghal talba esplicita ghall-hlas jew prestazzjoni dovuta li tmut mewta naturali stante t-trapass ta' zmien kif kontemplat fit-titolu tal-preskrizzjoni fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "14. Illi fil-procedura odjerna l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet utilizzata b'mod kapovolt mir-rikorrenti billi irrikorrew ghaliha

minghar ma inkastonawha preventivament bhala risposta ghall-azzjoni intavolata;

“15. Illi ghalhekk tali talba tippekka gravament fil-logika processwali necesarja u ghalhekk qieghda minn issa tigi respinta bl-ispejjez;

“Ikkunsidrat:

“16.0. Illi rigward it-taxxa rilaxxata mir-Registratur intimat ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

“16.1 Illi t-taxxa li kopja taghha tidher a fol 10 u 21 tal-process hi t- taxxa meritu ta’ din il-procedura;

“16.2 Illi din it-taxxa giet rilaxxata minn deputat Registratur t’esperjenza twila f’dan il-qasam partikolari tal-amministrazzjoni tal-qorti;

“16.3 Illi t-taxxa *de quo* turi l-ammont dovut kif mahdum mill-istess deputat Registratur fuq riferit ghas-servizzi rezi mill-intimat l-iehor Dottor Ragonesi lir-rikorrenti;

“16.4 Illi l-istess relatur fuq indikat jispecifika li fir-redazzjoni tal-istess taxxa, l-intimat Ragonesi “ … ma kienx qieghed jagixxi bhala avukat biss, kien ukoll kuratur ta’ persuna interdetta, kien esekutur ta’ persuni ohra mejta involuti fl-istess process, u kien ukoll qed jagixxi ta’ avukat”, (ara fol 90);

“16.5 Illi in vista tas-servizzi rezi mill-intimat Ragonesi, d-deputat Registratur involut, ghalhekk intaxxa d-drittijiet dovuti lill-istess fl-ammont komplessiv ta’ erbgha u ghoxin elf, mija u disgha u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€24,139.87), oltre l-ammont ta’ erbat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax –il centezmu, (€4,345.17), taxxa fuq il-valur mizjud, *oltre* hdax –il Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€11.65), bhala spejjez;

“Ikkunsidrat:

“17. Illi fir-rigward tat-taxxa in dizamina l-istess intimat Ragonesi kien gie mitlub mid-deputat Registratur *de quo* biex jelenka s-servizzi li hu stess kien esegwixxa ghan-nom tal-klijenti tieghu, ir-rikorrenti odjerni, kif fil-fatt jirrizulta li effettivament ezegwixxa dettaljatament (ara fol 99 sa 105), u datata l-5 ta’ Novembru, 2012;

“18. Illi *di piu`*, l-istess deputat Registratur relatanti jikkonferma bil-gurament tieghu li bl-ebda mod ma gie kontradett jew iccensurat mill-kontroparti li:

> " … it-taxxa li jien irrilaxxajt favur Dr. Ragonesi kienet wahda minima ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-servizzi professjonali tieghu bhala avukat", (ara fol 94);

"Ikkunsidrat:

"19. Illi ghandu jigi sottolineat li minhabba r-relazzjoni tajba li jirrizulta li kien hemm bejn l-intimat Ragonesi u l-genituri tar-rikorrenti jista' jaghti l-kaz li dan wassal ghal nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet ta' dak kollu involut fl-operat hawn sottopost ghall-iskrutinju;

"20. Illi pero`, nonostante cio`, jibqa' l-fatt li l-operat tad-deputat Registratur hawn ezaminat ma jwassalx lil din il-qorti biex b'xi mod ticcensurah u ghalhekk tikkonkordi mieghu, meta sostna li effettivament, tenut kont tal-lista estensiva ta' servizzi rezi mill-intimat Ragonesi fuq indikata, it-taxxa rilaxxata kienet pjuttost konservattiva;"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Isabelle Micallef, Rose M. Borg Cardona, Antoinette Mifsud u Lucienne Azzopardi, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija talbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Marzu, 2014, li biha laqghet ir-risposti u l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati u rrespingiet t-talbiet tar-rikorrenti appellant, u konsegwentement tilqa' minflok, it-talbiet tar-rikorrenti appellanti kif esposti fir-rikors promotur, filwaqt li tichad u tirrespingi ir-risposti u l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati u dan kollu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Dottor Victor Ragonesi, li permezz taghha talab li, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell intavolat, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell tal-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, li permezz taghha ukoll talab li din il-Qorti tichad l-appell *in toto* bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell, li baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza in ezami titratta kontestazzjoni dwar it-taxxar ta' drittijiet extra-gudizzjarji, wara li r-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), hareg taxxa ta' spejjez, drittijiet professjonali u V.A.T dovut lill-avukat Victor E. Ragonesi, ghas-servizzi professjonali minnu moghtija fil-konfront tal-eredi ta' Edward u Juliette konjugi Cilia.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti ghar-ritassa peress li, fl-ewwel lok irriteniet li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet proceduralment tippekka peress li ma setghetx titressaq fir-rikors promotur, izda kellha tinghata bhala eccezzjoni.  Cahdet ukoll it-talba ta' ritassa peress li kienet mahruga minn Deputat Registratur ghas-servizzi moghtija mill-avukat intimat, li kien qieghed jagixxi mhux biss ta' avukat, izda wkoll

bhala kuratur ta’ persuna interdetta, kif ukoll bhala ezekutur ta’ persuna mejta u dan wara li l-intimat avukat Ragonesi gie mitlub u fil-fatt elenka s-servizzi kollha ezegwiti ghan-nom tal-klijenti tieghu. Ikkunsidrat ukoll li ma kien hemm xejn censurabbli fl-operat tad-Deputat Registratur u qablet mieghu meta dan sostna li t-taxxa rilaxxata kienet wahda pjuttost konservattiva.

L-appellanti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza peress li jikkontendu li, fl-ewwel lok dik il-Qorti zbaljat meta ma laqghetx it-talba taghhom tal-preskrizzjoni. Fit-tieni lok jargumentaw li, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak li stqarrew l-istess rikorrenti, fis-sens li l-avukat intimat kien qalilhom li ebda hlas m’hu dovut u jikkontendu wkoll li l-ewwel Qorti lanqas m’ghamlet analizi jew verifika tal-mod kif gew intaxxati d-drittijiet tal-avukat appellat.

Iz-zewg appellati jikkontendu li l-preskrizzjoni ma tistax titressaq *per via d’azione* u fil-fehma tal-avukat appellat jinghad ukoll li ladarba kienet qeghda ssir kontestazzjoni tat-taxxa mahruga, din kienet forma ta’ accettazzjoni li huma kellhom ihallsu lill-avukat appellat, izda kienu qeghdin jikkontestaw l-ammont dovut. Fir-rigward tat-tieni aggravju, z-zewg appellati jikkontendu li ladarba l-appellanti qeghdin jikkontestaw l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, ma hemm ebda raguni gravi li ghandu jwassal li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata. Inoltrè l-

appellati jikkontendu li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jressqu prova ta' irregolarità minnhom allegata fuq il-mod kif inhadmet it-taxxa.

Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jikkontendu li fl-intaxxar tad-drittijiet, ir-Registratur huwa obbligat li jsegwi u jottempera ruhu mat-tariffa li tiddetermina l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji, izda f'dan il-kuntest l-istess Registratur jezercita funzjoni kwazi-gudizzjarja u f'dan is-sens id-decizjoni tieghu tista' tigi kkontestata biss kif provdut fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bil-procedura ta' ritassa, ladarba jikkontendu li gew ippregudikati bl-operat tar-Registratur tal-Qorti.

Jigi pprecizat li, l-azzjoni odjerna mhix wahda ta' ritassa a tenur tal-Artikolu 64, izda qeghda tigi attakkata t-taxxa in kontestazzjoni li saret skont il-provvediment tal-Artikolu 556 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Din tipprovdi s-segwenti:

> "*556. (1) Fuq talba ta' kull min ikollu interess, ir-registratur jintaxxa d-drittijiet li jmissu lil avukati, nutara pubblici jew prokuraturi legali, ghal xoghlijiet extra-gudizzjarji, bla hsara tal-jedd ghall-appell, lill-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, fi zmien xahar, b'rikors, b'talba sabiex it-taxxa tigi emendata.(2) It-talba sabiex jigu ntaxxati d-drittijiet issir b'nota li turi x-xoghlijiet li ghalihom tintalab it-taxxa.*
>
> *"(3) Meta t-taxxa tintalab mill-kreditur, hu ghandu jwettaq bil-gurament quddiem ir-registratur dak kollu li jkun fiha n-nota.*
>
> *"(4) Iz-zmien ta' hawn fuq jibda jghodd, ghal min ikun talab it-taxxa, mill-gurnata li t-taxxa tigi maghmula, u, ghad-debitur, mill-gurnata li din it-taxxa tigi nnotifikata lilu.*
>
> *"(5) L-eghluq taz-zmien fuq imsemmi mhux ta' xkiel ghad-debitur biex b'kull mod moghti mill-ligi, jattakka l-ezistenza tad-dritt mitlub jew biex jipprova li dan id-dritt m'ghadux isehh."*

F'dan il-kaz, l-appellanti kienu qeghdin isejsu l-pretensjonijiet taghhom kemm fuq is-sub-inciz (5), sa fejn jattakkaw l-ezistenza tad-dritt, peress li kien qieghed jinghad li s-servizzi moghtija mill-avukat appellat kienu ta' natura gratuwità u fi kwalunkwè kaz, id-dritt pretiz kien jinsab estint minhabba d-dekors taz-zmien; kif ukoll a bazi tas-subinciz (1) tal-Artikolu 556, sa fejn qeghdin jitolbu li t-taxxa mahruga mir-Registratur ghandha tigi emendata.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Registratur Qrati Civili u Tribunali et:**

> *"Illi, minbarra dan, iż-żmien imsemmi mil-liġi biex tkun attakkata taxxa ġudizzjarja* ***m'huwa qatt ta' xkiel biex id-debitur jattakka, b'kull mod mogħti mil-liġi, l-eżistenza tal-jedd li bis-saħħa tiegħu tkun inħarġet tali taxxa jew biex juri li dak il-jedd m'għadux iseħħ***[1]*. Dan jingħad għaliex iż-żmien ta' xahar mogħti mil-liġi huwa maħsub biss biex fih wieħed jattakka l-likwidazzjoni tal-ammont taxxat kif ikun sar mir-Reġistratur, u mhux biex jikkonvalida l-eżistenza tal-kreditu li jirriżulta mill-imsemmija taxxa*[2]*;"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, huwa ritenut li ladarba l-appellanti permezz tal-proceduri odjerni qeghdin jattakkaw l-ezistenza tal-jedd u sahansitra li dak il-jedd m'ghadux isehh, il-preskrizzjoni hija proprju wahda minn dawk ic-cirkostanzi kkontemplati mil-ligi fis-sens li l-

[1] Art. 556 (5) tal-Kap. 12

[2] P.A. **22.2.1960** fil-kawza fl-ismijiet **Felice vs Apap Bologna et** (Kollez. Vol: XLIV.ii.533)

jedd pretiz mill-avukat appellat, jinghad li jinsab preskritt bit-trapass taz-zmien. Kwindi din il-Qorti taqbel mal-appellanti fis-sens li, r-rikors promotur li huwa wiehed in kontestazzjoni ghat-taxxa mahruga mir-Registratur intimat, fil-kaz in ezami seta' jissejjes fuq il-preskrizzjoni. Dan jinghad ukoll peress li f'kawza simili quddiem din il-Qorti fl-ismijiet **Medcast Foundry v. L-Avukat Dr. Tonio Azzopardi et,** deciza fis-27 ta' Marzu, 2003, kien investit proprju l-kwezit dwar il-preskrizzjoni, bhala estinzjoni tad-drittijiet professjonali pretizi.

Dwar il-preskrizzjoni, l-appellanti jsejsu r-rikors promotur taghhom fuq l-artikoli 2149 u 2150 tal-Kodici Civli (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jispecifikaw li l-artikolu 2149(c) jaghmilha cara li l-azzjonijiet tal-avukati (fost professjonisti ohra) ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu, jaqghu bi prekrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Filwaqt li fl-Artikolu 2150 huwa aktar rilevanti s-subinciz (3) li jipprovdi:

> "*Fil-kaz ta' drittijiet ghal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjez ghal ittri ufficjali, protesti, mandati, rikorsi jew atti ohra jew xoghol iehor li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kawza li tkun miexja jew li tigi mibdija fi zmien sentejn mill-jum tal-konsult, tal-att jew ta' xoghol iehor, iz-zmien jibda minn dak il-jum.*"

L-appellanti jikkontendu li l-avukat Ragonesi talab li jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lilu ghas-servizzi professjonali moghtija bejn l-1994 u l-2001 u baghat l-ittra ufficjali fis-26 ta' Awwissu, 2009, ghalhekk it-

trapass ta' zmien huwa tali li jiggustifika l-argument taghhom li t-talba tal-avukat Ragonesi hija preskritta.

Trattat l-argument tal-appellanti dwar il-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz odjern, jigi osservat li fil-verità huwa minnu li bejn l-ahhar kuntratt li sar da parti tal-avukat appellat, fil-kwalità tieghu ta' ezekutur testamentarju, quddiem in-Nutar Dottor Paul Pullicino fit-23 ta' Mejju, 2001 u meta saret l-ewwel ittra ufficjali li nterpellat lill-appellanti ghall-hlas f'Awwissu tas-sena 2009, lahaq iddekorra t-terminu mahsub fil-ligi. Madankollu, l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jipprovdi wkoll:

> *"2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

Inoltrè jigi osservat ukoll li l-ligi tistipula li *"Tista' ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwistata"* [Artikolu 2108(2) tal-Kodici Civili] u fl-Artikolu sussegwenti jinghad hekk:

> "*2109. (1) Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita;*
>
> "*(2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.*"

Il-principju tal-inkompatibilita` tal-eccezzjoni li tikkontesta l-quantum ma dik ta' preskrizzjoni huwa fil-fatt wiehed ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Ma jaghmilx sens li persuna l-ewwel tinvoka favur taghha t-trapass taz-zmien preskrittiv, meta fl-istess nifs jinghad minnha (anke

jekk bla pregudizzju) li l-ammont jibqa' in kontestazzjoni, ghax jew inezistenti jew li mhux l-ammont kollu huwa dovut. Hekk per ezemju fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tal-15 ta' Novembru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Mario Azzopardi v. Repro House Company Limited** inghad:

> "*…jinsab pero` stabbilit il-principju illi ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b' att tieghu spontaneju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat li jirrendi nkompatibbi l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili tat-30 ta' Ottubru 1953 in re: "Emanuel Aquilina -vs- Geraldo Sammut";*
>
> *…*
> "*Ir-rikonjizzjoni interruttiva tal-preskrizzjoni tista' tigi korrelatata ma' certa sistema ta' difiza. Kif taraha din il-Qorti meta s-socjeta` appellanti rtirat dik l-eccezzjoni taghha hi kienet implicitament qed tirrikonoxxi l-ezistenza tad-dritt kreditorju u dak li kien qed jigi kontez minnha kienet biss il-likwidazzjoni tieghu fuq il-presuppost li dak il-kreditu kien wiehed ezagerat. Ghal din il-Qorti, similment bhal fil-kaz fl-ismijiet "Guido J. Vella A&CE -vs- Dr. Emanuel Cefai", Qorti ta' l-Appell, 5 ta' Ottubru 2001, wiehed jiddenota minn din l-imgieba jew sistema ta' difiza sitwazzjoni li tintegra l-estremi ta' l-att idoneju biex jinterrompi l-preskrizzjoni, senjatament ir-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditu ta' l-attur, jekk mhux ukoll l-inkompatibilita` ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta;*
>
> "*Kif pacifikament ritenut "ir-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun anke prezunta jew indiretta; u skond Pugliese 'puo essere dedotta da fatti concludenti incompatibili colla volonta` di contestare l' esistenza o l' energia attuale del diritto altrui' ("Prescrizione Acquisitiva", para 277).*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-appellanti permezz tal-azzjoni mressqa minnhom, qeghdin jikkontestaw kemm l-estinzjoni tal-jedd tal-avukat appellat li jitlob hlas ghad-drittijiet tieghu stante t-trapass taz-zmien, kif ukoll jikkontestaw il-quantum intaxxat mid-deputat registratur, hekk kif jitolbu emenda fit-taxxa mahruga minnu. Issa fil-

fehma ta' din il-Qorti, l-preskrizzjoni mqajma mill-appellanti sabiex jinghad minnhom li d-dritt pretiz mill-avukat m'ghadux fis-sehh, hija nkompatibbli mat-talba l-ohra taghhom fejn jitolbu lill-Qorti li t-taxxa tad-drittijiet tal-avukat appellat ghandha tigi emendata. Meta l-appellanti, fir-rikors promotur taghhom, talbu li t-taxxa mahruga mir-Registatur ghandha tigi emendata, din timporta gharfien w ammissjoni tad-dejn. Bl-gharfien tad-dejn, l-appellanti interrompew kif ukoll tacitament irrinunzjaw, ghall-preskrizzjoni li tkun lahqet iddekorriet.

Kwindi ghalkemm ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti, ssib li l-ewwel talba tal-appellanti li l-azzjoni tal-Avukat Victor Ragonesi tinsab preskritta, ma tistax tintlaqa'. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellanti ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju tal-appellanti, dak fejn jinghad li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak li stqarrew ir-rikorrenti li ma gie kontradett bl-ebda mod mill-Avukat Ragonesi, cioè li huwa kien stqarr maghhom li ma kien dovut lilu ebda hlas.

Ghandu jinghad illi fil-verità, meta l-appellanti jikkontendu li l-avukat Ragonesi kien diversi drabi nfurmahom li ma kienx ser jitlob hlas peress li missier l-appellanti kien habib tieghu, dan jinsab rifless f'paragrafu dsatax tas-sentenza appellata, meta nghad:

> *"ghandu jigi sottolineat li minhabba r-relazzjoni tajba li jirrizulta li kien hemm bejn l-intimat Ragonesi u l-genituri tar-rikorrenti jista' jaghti l-kaz li dan wassal ghal nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet ta' dak kollu involut fl-operat hawn sottopost ghall-iskrutinju*"

Dwar il-pretensjoni tal-avukat appellat li jithallas ghad-drittijiet u spejjez maghmula minnu tul il-perjodu li ppresta s-servizzi tieghu lill-familja tal-appellanti, ghandu jinghad li l-presunzjoni hija li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Issa min jallega li x-xoghol sar gratwitament jew b'xejn, jehtieg li jgib provi tajbin u konvincenti bizzejjed sabiex jeghleb tali prezunzjoni.

Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tat-12 ta' April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Joseph M. Sammut v. Goliath Developments Limited:**

> *"Huwa importanti li, qabel xejn, jigi determinat ir-rapport guridiku bejn l-attur fil-professjoni legali u s-socjeta` appellanti. In primis, tali rapport jidher li ghandu mill-karattru tal-mandat. Dan hu hekk certament ghall-affarijiet gudizzjarji. Ara "Giovanni Zammit -vs- Avv. Dottor Carlo Moore et", Appell Civili, 1 ta' Mejju 1936. Ghandu wkoll mill-karattru guridiku tal-locatio operis, kif dan jinsab definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hu x' inhu x-xorta ta' rapport, dan jippostula l-konferiment ta' inkariku mill-klijent, liema inkariku jista' jinghata taht kwalsiasi forma, u mhux bilfors bil-miktub. Naturalment, f'kaz ta' kontestazzjoni, il-prova tal-konferiment trid tinghata mill-professjonist li jagixxi ghall-pagament tal-kumpens, anke jekk jinsab ritenut ukoll illi "l' avvocato non ha bisogno di provare l'incarico datogli dal cliente, dovendo bastare la propria asserzione". Ara "Dottor Giuseppe Caruana Mamo et -vs- Antonio Ciantar", Appell Inferjuri, 16 ta' Mejju 1925;*
>
> *"Dan premess, huwa indubitat illi kemm jekk ir-rapport il-wiehed jew l-iehor, l-avukat ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol li jaghmel. Dan japplika dejjem sija jekk si tratta minn professjonist intellettwali jew tekniku. Ir-raguni hi pjuttost semplici u ben maghrufa. Minn jippresta l-*

> *hidma tieghu taht kwalsiasi forma ghal vantagg ta' haddiehor hu mistenni li jkun retribwit, ammenokke ma tkunx ipprovata l-gratuwita`. Hekk fil-kaz tal-mandat l-mandanti hu tenut li jikkompensa lil mandatarju tieghu tax-xoghol tieghu meta tali kumpens ikun gie imwieghed lilu, jew fejn dan il-kumpens jitqies tacitament miftiehem minhabba l-professjoni tal-mandatarju u cirkustanzi ohra. Ara Artikolu 1881 (1), Kodici Civili. Ugwalment, fil-kaz ta' locatio operis, l-Artikolu 1624 Kodici Civili jipprovdi ghal tali kumpens. Tinsorgi hawn il-kwestjoni dwar kif ghandu jkun stabbilit dan il-kumpens;"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meta din il-Qorti ezaminat l-elenku tas-servizzi moghtija mill-avukat appellat li ghalihom qieghed jippretendi l-hlas, jirrizulta li dawn fil-gran parti minnhom jikkonsistu f'ittri, vizjoni ta' konvenji u kuntratti, redazjoni ta' konvenji, kif ukoll deher fuq numru ta' kuntratti in rapprezentanza ta' Edward u Judith konjugi Cilia, jew bhala esekutur testamentarju tal-istess konjugi Cilia (il-genituri tal-appellanti). Issa ghalkemm huwa minnu li l-avukat Ragonesi ma xehedx f'din il-kawza, il-verzjoni tal-appellanti ma jistax jinghad li kienet wahda konsistenti, b'tali mod li tikkonvinci lil din il-Qorti minn dak li jinghad minnhom. Dana peress li, ghalkemm taht ir-raba' premessa jinghad minnhom li Dr. Ragonesi kien qal lill-appellanti li huwa ma kien dovut ebda hlas ghas-servizzi tieghu, fil-hames premessa jinghad minnhom, li Dr. Ragonesi kien moghti pagament jew pagamenti taht diversi forom ghas-servizzi prestati minnu! Dan jikkontrasta ferm mal-pretensjoni tal-appellanti li x-xoghol da parti tal-avukat appellat kien qieghed isir bla hlas.

Kwindi din in-nuqqas ta' konsistenza da parti tal-appellanti u kunsidrat li l-unika prova li tressqet da parti taghhom fir-rigward kienet ix-xhieda ta' uhud minnhom, fis-sens li s-servizzi kienu qeghdin jinghataw bla hlas, certament ma jistax jinghad li nghelbet il-presunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel, jew li tressqu provi tajbin u konvincenti bizzejjed sabiex ixejnu l-pretensjonijiet tal-avukat appellat ghall-hlas tad-drittijiet professjonali.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aspett tat-tieni aggravju tal-appellanti, dak fejn jinghad minnhom li l-ewwel Qorti naqset milli tivverifika jew milli taghmel analizi akkurata u dettaljata tal-mod kif gew determinati u ffissati d-drittijiet tal-avukat u minflok strahet fuq dak li stqarr ir-Registratur waqt ix-xhieda tieghu.

Jibda billi jigi osservat li kien jinkombi fuq l-appellanti jispjegaw fuq liema bazi kienu qeghdin jitolbu emenda tat-taxxa mahruga mir-Registratur appellat. Kif rilevat mill-istess Registratur appellat, ma tressqet ebda prova jew sottomissjoni li t-taxxa nhadmet hazin jew kontra xi disposizzjoni tal-ligi.

Fi kwalunkwè kaz, din il-Qorti rat bir-reqqa x-xhieda moghtija mid-deputat registratur Marcel Bugeja, kif ukoll il-lista esebita fil-process li turi d-dritt dovut ghal kull partita ta' servizz. Gie nnutat ukoll li l-aktar

partita gholja hija dik fejn inghata d-dritt ta' €18,634.98 in konnessjoni ma' kuntratt ta' bejgh fejn l-avukat Ragonesi deher in rapprezentanza ta' Edward u Judith mizzewgin Cilia ta' proprjetà ghall-prezz ta' Lm400,000. Ghalkemm dan il-kuntratt ma jinsabx esebit in atti, jidher li bhala fatt dan mhux kontestat, peress li jissemma wkoll mill-appellanti fix-xhieda taghhom. Issa d-deputat registratur fix-xhieda tieghu spjega li, d-dritt ta' ezekutur skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kien stabbilit bir-rata ta' 2%. Jinghad minnu wkoll li, ghalkemm dan il-provvediment tnehha fis-sena 1996, u ghalhekk il-kwistjoni thalliet miftuha, huma baqghu jimxu fuq l-istess sistema. Din il-Qorti ma tara xejn anomalu f'dan ir-rigward u bhall-qorti ta' qabilha tqis ragonevoli d-diskrezzjoni ezercitata mid-deputat registratur fir-rigward.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu u ser jigi michud.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-appellanti Isabelle Micallef, Rose M. Borg Cardona, Antoinette Mifsud u Lucienne Azzopardi, billi ghalkemm ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti, tikkonferma s-sentenza appellata tat-12 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet premessi u kwindi tichad l-appell interpost minnhom.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess appellanti, *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr